**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-28 ta' April 2022**

**Rikors Numru : 437/2021 JPG**

**Kawza Numru : 26**

**OF**

**Vs**

**MF**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' OF datat 27 ta' Settembru 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi hija zzewget lill-intimat MF fl-erbgha u ghoxrin ta' April tas-sena elf disa' mija disa u disghin (24.04.1999) fir-Registru taz-Zwigijiet gewwa l-Belt Valletta u z-zwieg ta' dina l-koppja gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv erbgha mija u sebgha tas-sena elf disa' mija disa u disghin (407/1999) (Certifikat taz-zwieg anness Dok A).*

*Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta kuntratt ta separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Dottor Robert John Muscat fil-hamsa u ghoxrin ta' Novembru tas-sena elfejn u tlettax (25.11.2013) - (Kopja tal-Kuntratt ta' Separazzjoni- Dok B).*

*Illi l-partijiet kellhom zewg ulied minn dan iz-zwieg u cioe' CF li twieled f'X u CF li twieldet f'Y;*

*Illi ghaddew aktar minn sena mid-data tas-separazzjoni u ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.*

*Illi jikkonkorru il-kriterji kollha rikesti mill-ligi ghal-halla taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.*

*Ghaldaqstant r-rikorrenti OF titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti biex:*

1. *tiddikjara li z-zwieg taghha ma' MF  hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghal effetti kollha tal-ligi;*

2. *tiddikjara li l-kunjom tar-rikorrenti jirreverti ghal dak taghha ta' xebba u cioe' K; u*

3. *tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet u l-bdil fil-kunjom biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma ppresenta ebda risposta u lanqas ma deher ghas-seduta mhejjija, ghaldaqstant huwa kontumaci; (vide fol 29);

Rat il-fakolta moghtija lill-intimat sabiex jippresenta s-sottmissjonijiet tieghu ai termini tal-Artikolu 158(10) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta; (vide fol 29);

Rat illi l-intimat baqa' inadempjenti;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**OF xehdet** (vide affidavit, fol 14) illi l-kontendenti zzewgu nhar l-24 ta' April 1999 u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal. Sostniet illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ippubblikat minn Nutar Dr Robert John Muscat nhar il-25 ta' Novembru 2013. Iddikjarat illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm arretrati ta manteniment.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirriulta sodisfacentemet pprovat illi il-kontendenti kienu zzewgu nhar l-24 ta' April 1999, liema zwieg igib c-certifikat numru 407/1999 (Vide certifikat taz-zwieg fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal illi huma maggiorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Robert John Muscat nhar l-24 ta' Novembru 2013 (vide kuntratt ta' separazzjoni fol 4 et seqq.) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti taghraf illi ma hemm ebda eccezzjoni li ghandha titqanqal minnha stess ex-offico u dana

fid-dawl tal-kontumacja tal-intimat.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 407/1999 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Di piu', tawtorizza lill-attrici sabiex tirreverti ghal kunjom xbubitha u cioe 'K' u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**